MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 115/2014

**GO plc**

**Vs**

**Daniel Paul Grima (ID 508580M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro u hdax-il centezmu (€825.11c), liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40188974 moghtija mis-Socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

Dok IZY1 u Dok IZY2- prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3- estratt mir-Registru Elettorali, u Dok IZY4- kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut giet interpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-Subizzjoni.

Semgha x-xhieda datata 14 t'Ottubru, 2014 fejn il-konvenut ammetta t-talba bil-kundizzjoni illi l-ammont dovut jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' hamsin ewro (€50).

L-Avukat Dr Keith Grech ghas-Socjeta' attrici qed jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tat-Tribunal dwar din it-talba.

Ghalkemm it-Tribunal jaghmila cara li ma jistax jimponi fuq is-Socjeta' attrici biex taccetta li l-hlas isir permezz ta' pagamenti mensili qieghed hawnhekk jirrakomanda lis-Socjeta' attrici taccetta li l-ammont dovut jithallas bir-rati mensili kif mitlub mill-konvenut.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar l-14 t' Ottubru, 2014 bih il-kawza thalliet illum ghas-Sentenza.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro u hdax-il centezmu (€825.11c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub ffl-Avviz tat-talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------